MINUTI

# Laqgħa tal-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ (Għawdex)

ID-DISA' LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 26/2026-9**

**L-Erbgħa, 18 ta' Frar 2026**

Il-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq il-Knisja, fil-4.00 ta' wara nofsinhar.

**PREŻENTI:**

Is-Sur Baskal Saliba - Sindku
Is-Sur Daniel Cordina – Viċi Sindku
Dr Marlene Cini – Kunsilliera
Is-Sur Nicky Saliba – Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3)):**

Is-Sur Mario Portelli - Kunsillier

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI:**

Is-Sna Odette Camilleri - Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Il-laqgħa nbdiet b'talba u ġiet preseduta mis-Sindku Baskal Saliba.

### 26.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

26.1.1 Is-Sindku nforma lil preżenti li l-Kunsillier Mario Portelli ma jistax jattendi u għalhekk ġie skużat.

### 26.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

26.2.1 Billi l-minuti tal-laqgħa nru. 25/2026-9 ġew ċirkulati minn qabel dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

26.2.2 Is-Sindku talab għal xi korrezzjonijiet li seta' kien hemm mill-minuti.

26.2.3 Ma kinx hemm korrezzjonijiet għalhekk Minuti nru. 25/2026-9 ġew approvati u ffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

### 26.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

26.3.1 Is-Sindku nforma lil membri li l-Karnival li kien ippjanat li jiġi organizzat f'Marsalforn kellu jiġi mħassar minħabba li kien previst il-maltemp. Kompla jgħid illi l-Karnival li ġie organizzat fiż-Żebbuġ kien suċċess u rringrazzja lis-Segretarju Eżekuttiv tal-organizzazzjoni u rringrazzja lil kull min ipparteċipa.

26.3.2 Is-Sindku informa lil membri li l-Egg Hunt li ser ssir b'kollaborazzjoni ma l-Otters ASC u l-STEM ser issir fil-Wied ta' Marsalforn nhar is-6 t'April 2026.

26.3.3 Is-Sindku stieden lil membri biex jattendu għal-laqgħa ta' l-ERA nhar il-25 ta' Frar 2026. Kompla jgħid li hu ser jattendi sabiex jiġbed l-attenzjoni fuq ir-rimi illegali taż-żibel fil-lokalita'.

26.3.4 Is-Sindku nforma lil membri li ser isiru xogħlijiet ta' tiswija fix-Xwejni li ġew ikawżati mill-maltempata 'Harry'. Kompla jgħid li grazzi għal Ministeru għal Għawdex u l-Ippjanar ser jitranġa r-*railing* fil-ġnien ta' Triq il-Wied quddiem l-ispiżerija.

26.3.5 Informa lil membri preżenti li peress li din is-sena hija s-sena tal-gastronomija, il-Kunsill għandu japplika għal fondi kulturali u xi skema li jista' joħroġ ir-Reġjun Għawdex sabiex tiġi organizzata xi ħaġa.

## 26.4 Komunikazzjoni mill-Kunsilliera

26.4.1 *Komunikazzjoni mill-Viċi Sindku, Daniel Cordina*

26.4.1.1 Il-Viċi Sindku propona u l-membri qablu li x-xower li hemm fil-Menqa titneħħa minn fejn hi peress li qed tkun ta' ostakolu għas-sajjieda u minflok tiġi nstallata fil-bajja taħt il-ħajt.

26.4.1.2 Rigward il-ħsara li ġarrbet il-maltempata 'Harry' talab sabiex jerġa' jinbena l-ħajt ta' tlett filati li kien jagħlaq il-Bajja ta' Marsalforn (quddiem l-għassa) sabiex ir-ramel ma jintilifx. Kien hemm qbil li ssir talba lil Ministeru għal Għawdex u l-Ippjanar.

26.4.1.3 Informa lil membri li l-mili tal-kanal tat-triq bil-konkos fi Triq is-Sagħtrija ġie mirfus mill-vetturi waqt li kien għadu frisk u għalhekk għandu jerġa jsir. Il-Kunsillier Nicky Saliba propona li din it-triq tingħatala l-konkos minn naħħa s'oħra u tingħalaq it-triq bl-uffiċċjali waqt it-twettiq tax-xogħol. Kien hemm qbil li għandhom jinġabru l-kwotazzjonijiet meħtieġa f'dan ir-rigward.

26.4.1.4 Propona sabiex Triq Manwel Magro ssir *one way* jiġifieri jidħlu biss minn Triq ix-Xtut. Kien hemm qbil lli ssir talba lil Transport Malta u ssir bi prova għalissa.

26.4.2 *Komunikazzjoni mill-Kunsilliera, Dott Marlene Cini*

26.4.2.1 Il-Kunsilliera Dott Marlene Cini proponiet sabiex jingħata l-patching neċessarju mad-dawra tal-purċissjoni. Talbet sabiex il-ħaddiema tal-Kunsill iduru u jiġbru ż-żrar. Proponiet ukoll biex parti minn Triq Għajn Mhelhel titqaxxar u terġa ssir. Il-membri qablu li jinġabru l-kwotazzjonijiet meħtieġa għal dan ix-xogħol.

26.4.2.2 Ġibdet l-attenzjoni sabiex il-karozza tal-Kunsill tinġabar fil-garaxx għax qed tinżamm barra.

26.4.2.3 Staqsiet jekk il-bdiewa jistgħux jiġbdu l-ilma mill-Wied tas-Salve Regina. Il-membri wieġbu fl-affermattiv.

26.4.2.4 Ġibdet l-attenzjoni li waqa' biċċa mill-ħajt tat-triq fit-triq prinċipali fi Triq l-Imgħallem. Is-Sindku nformha li l-pulizija poġġew il-barriers. Qablu li ssir talba fuq il-Gozo LC Works.

26.4.2.5 Talbet sabiex jitwaħħlu l-floodlights għal Gimgħa l-Kbira fi Triq Għajn Mhelhel u l-madwar. Il-membri qablu.

26.4.2.6 Ġibdet l-attenzjoni sabiex jitnaddaf Ġnien iż-Żebbuġ. Is-Sindku nformha illi dan ser jitnaddaf mill-ħaxix ħażin fil-jiem li ġejjin.

26.4.3 *Komunikazzjoni mill-Kunsillier, Nicky Saliba*

26.4.3.1 Il-Kunsillier, Nicky Saliba talab sabiex jitkomplew il-*crash barriers* fuq il-Wied tas-Salve Regina għax fil-fehma tiegħu issa sar iktar perikoluż peress li ġie mħammel. Il-membri qablu li terġa tintbgħat tfakkira lil Ministeru għal Għawdex u l-Ippjanar f'dan ir-rigward.

26.4.3.2 Informa lil membri illi ir-road hump li hemm fil-Wied ta' Marsalforn għandha xi biċċiet nieqsa. Talab sabiex jerġew jinxtraw għax qedgħa ta perikolu għas-sewwieqa. Il-membri qablu.

26.4.3.3 Talab sabiex jinqata' l-ħaxix minn Wied l-Infern. Kien hemm qbil li dan ix-xogħol isir mill-Għaqda tan-Nar Marija Assunta.

26.4.3.4 Talab sabiex jitnaddaf il-kanal ta' l-ilma fi Triq Ta' Ċenċ peress li l-ilma qed joskula fi Triq l-Imgħallem. Is-Sindku nfurmah illi dan tnaddaf riċentement pero' ser jerġa' jibgħat lil ħaddiema.

## 26.5 Approvazzjoni tal-Offerta ZGLC/06/2025 - *Supply and Installation of Street Furniture at* Pjazza l-Assunta, Zebbug Gozo

Is-Segretarju Eżekuttiv preżentat ir-Rapport tal-Bord t'Evalwazzjoni għal approvazzjoni tal-membri. Il-membri preżenti qablu mar-rakkomandazzjoni tal-bord u għalhekk l-offerta għandha tingħata lil Rizzo Landscape Buliding SRL.

## 26.6 Materji Oħra

26.6.1 Ilment Z01/25 – sabiex isiru tabelli ta' l-ispeed limit f'Wied l-Infern. Il-membri qablu li għandha ssir Gozo LC Works.

26.6.2 Korrispondenza mingħand M. Axiaq rigward l-ilma li qed jinġabar fl-isqaq fi Triq Għajn Mhelhel. Wara diskussjoni, il-membri qablu li jiġi kkuntattjat A. Cini sabiex jivverifika jekk il-problema tistax tiġi rranġata u biex isir ix-xogħol meħtieġ sabiex tissolva din il-kwistjoni.

26.6.3 Ilment M01/26 – talba sabiex isiru parking bays fi Triq Santa Marija qabel iddur għal Triq ix-Xtut. Is-Sindku nforma lil membri li hemm il-garaxxijiet u mhux la kemm isiru l-parkeġġi. Kien hemm qbil li tintalab il-veduta ta' Transport Malta.

26.6.4 Talba mingħand A. Saliba għal kumpens ta' €60 għax għamlet ħsara fit-tyre tal-karozza minħabba pot hole fonda fi Triq Għajn Mhelhel. Il-membri qablu li jilqgħu din it-talba.

26.6.5 Korrispondenza mid-Dipartiment għal Kunsilli Lokali sabiex jinħatar Deputat Segretarju Eżekuttiv. Peress li L Zammit Borg ma kinitx aċċettat din il-kariga fil-passat, il-membri qablu li tinħatar J. Sultana.

26.6.6 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lil membri li l-offerta għal *Supply and Installation of Traffic Signs to Zebbug on a period contract basis għalqet.* Il-membri qablu li terġa tinħareġ offerta u qablu li l-bord għandu jkun kompost minn Michelle Vella – Chairman, Membri tal-Bord – Daniel Galea, Ing. Mario Cauchi u Loretta Cauchi. Segretarju – Odette Camilleri.

26.6.7 Is-Segretarju Eżekuttiv preżentat kwotazzjoni għal *Galvanized steel railing Works* fi Triq taċ-Ċaqra. Ġiet riċevuta kwotazzjoni waħda. Qablu li tingħata lil Rupert Zammit liema kwotazzjoni tammonta għal €4,955.

26.6.8 Ġiet preżentata kwotazzjoni waħda għal CNC Stainless Steel Works, Triq ic-Caqra mibgħuta minn għand Pikki Metal Works li tammonta għal €100 kull logo u €2,200 street name stainless steal.

26.6.9 Ġiet preżentata kwotazzjoni waħda mingħand Noel Theuma għal intallazzjoni ta' Light Fittings fi Ġnien iż-Żebbuġ. Din tammonta għal €1,500.

26.6.10 Ġiet preżentata kwotazzjoni waħda għal partition, żebgħa u kisi tas-saqaf fl-uffiċċju tal-Kunsill fil-Qbajjar Promenade. Il-membri ġew infurmati li l-Kunsill rċieva kwotazzjoni ta' Joe Cini li tammonta għal €2,476.82. Il-Kunsillier Nicky Saliba ġibed l-attenzjoni illi l-Kunsill għandu jiġbor tlett kwotazzjonijiet sabiex ikun jista' jiddeċiedi. Is-Sindku nfurmah illi l-Kunsill talab lil ħames jew aktar fornituri pero' kienu biss waħdiet li rrispondew jew kienu nteressati.

26.6.11 Ġew preżentati tlett kwotazzjonijiet għal Financial Controller - EU Funds - Interagg Malta. L-irħas offerta kienet ta' Daniel Galea li tammonta għal €5,000.

26.6.12 Talba mingħand B. Vella sabiex titneħħa proviżorjament l-bozza tat-triq li hi mwaħħla mal-proprjeta' tiegħu fi Triq il-Mitħna sakemm isir xogħol ta' kostruzzjoni. Il-membri qablu li tinqala' u minflok issir floodlight proviżorja.

26.6.13 Talba sabiex jitnaqqas id-dawl eċċessiv fi Pjazza l-Assunta. Il-membri ma qablux ma din it-talba però kien hemm qbil li l-floodlights jkunu jixgħelu bi switch.

26.6.14 Talba sabiex titranġa bankina u tappiera fi Triq ir-Rabat. Il-membri qablu li jsir ix-xogħol meħtieġ sabiex din il-bankina u l-tappiera jiġu rranġati.

26.6.15 Talba sabiex jinbena ħajt ta' għalqa fi Triq Wied l-Infern. Wara diskussjoni u wara li ma kinx hemm qbil unanimu, din għaddiet għal vot. Il-Kunsilliera Dott Marlene Cini u Nicky Saliba ma qablux ma dan. Is-Sindku u l-Viċi Sindku qablu li dan għandu jinbena. Peress li ġew tnejn bi tnejn, is-Sindku tefa' l-*casting vote* u għalhekk għadda li jinbena. Għandhom jinġabru l-kwotazzjonijiet. Is-Segretarju Eżekuttiv ġibdet l-attenzjoni li l-bini ta' dan il-ħajt m'għandhux isir.

26.6.16 Talba sabiex jerġa' jinbena l-ħajt ta' żewġ filati li waqa' bil-maltempata 'Harry' fil-Bajja ta' Għar Qawqla. Il-membri qablu.

26.6.17 Talba sabiex titranġa bankina fi Triq Skappuċċina. Il-membri qablu.

26.6.18 Rigward il-ħajt tat-triq li qed iċedi fi Triq is-Sagħtrija speċjalment fejn hemm il-bus stop, il-membri qablu li l-Perit tal-Kunsill għandu jħejji BOQ sabiex tkun tista' toħroġ offerta għal bini mill-ġdid ta' dan il-ħajt.

## 26.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti

Skeda ta' ħlasijiet bin-numru 20/2026 għall-perjodu ta' Frar 2026 li tammonta għal €75,188.14c ġiet approvata mill-membri preżenti .

## 26.8 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fil-5.15 ta' filgħaxija. Id-data tas-seduta li jmiss ser issir nhar l-Erbgħa, 18 ta' Marzu 2026 fil-4.00 ta' filgħaxija.

Baskal Saliba
Sindku

Odette Camilleri
Segretarju Eżekuttiv